**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Joseph Chircop *et*

*versus*

Salvatore Muscat *noe*

## Appell - Kawtela - Dmir tar-Reġistratur

*Id-disposizzjonijiet dwar il-ħlas tal-kawtela ta' l-appell huma ta' interpretazzjoni stretta u fid-dubbju l-Qorti għandha ttendi biex tiffavorixxi d-dritt ta' appell u mhux li tiċħdu.*

*Il-liġi ma timponi l-ebda kriterji li fuqhom għandu jaġixxi r-Reġistratur fl-eżerċizzju tal-funzjoni diskrezzjonali tiegħu li jiffissa l-kawtela anke jekk hu naturali li tali ammont għandu jkun determinat fl-isfond tat-talbiet fil-meritu u l-eċċezzjonijiet mogħtija.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenuti *nomine* biex jersqu għall-kuntratt ta' trasferiment ta' erba' plots fabbrikabbli bħala kumpens għar-rilaxx ta' raba' li l-attriċi kienet allegatament (*sic*) il-gabillott tagħha u dana skond ftehim tad-19 ta' Novembru, 1979. In difett, l-atturi qed jitolbu li jiġi llikwidat favur tagħhom ammont ta' danni li huma jallegaw li soffrew u li l-konvenuti *nomine* jiġu kkundannati jħallsuhom tali somma;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bis-sentena appellata, ċaħdet

it-talbiet attriċi waqt li laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali estintiva ta' l-azzjoni a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 12 avvanzata mill-konvenuti *nomine*. Minn dik is-sentenza l-atturi appellaw. Skond kif kien ipprovdut fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili qabel ġew fis-seħħ l-emendi *estensivi ta' l-Att XXIV ta' l-1995 l-atturi ppreduċew*, flimkien mal-petizzjoni ta' l-appell tagħhom, malleverija biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dan l-appell fil-persuna ta' Ray Pace, messaġġier, li daħal garanti solidali magħhom. Malleverija li ġiet irrifjutata bħala mhux tajba kemm mill-Aġent Reġistratur tal-Qrati kif ukoll mill-appellati *nomine* fir-risposta tagħhom;

Kif ipprovdut bl-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995 ir-Reġistratur *tal-Qrati ma' l-avviż tas-smigħ fl-ewwel dehra ta' l-*appell, bagħat ukoll lill-appellanti aviż skond l-artikoli 209 u 249 tal-Kap. 12 kif emendat, u talabhom biex jagħmlu garanzija għall-ispejjeż tal-kawża " sa mhux aktar tard minn ġurnata qabel id-data tas-smigħ ta' l-appell". Billi l-mertu ta' l-appell jirrigwarda talba dwar it-trasferiment ta' proprjetà immobbiljari li l-valur tagħhom ma kienx determinat fit-talbiet, kien ukoll jirrigwarda talba għal-likwidazzjoni ta' ammont ta' danni - ukoll somma mhux kwantifikata - ir-Reġistratur ma kienx għadu *f'posizzjoni li jiddetermina l-kawtela* ta' *l-appell*, anke *għaliex* għal din l-istess raġuni ma kienx għadu ġie stabbilit id-dritt tar-Reġistru u ta' l-Avukati għall-fini ta' intaxxar ta' proċeduri quddiem il-Qorti ta' prim'istanza. Kien għalhekk li l-avviż li ngħata lill-appellanti biex jagħmlu d-depożitu in kawtela ta' l-ispejjeż kien jindika "jonqos valur" fl-ispazju fejn kellu jkun indikat l-ammont tal-garanzija;

Infatti fis-seduta tat-23 ta' April, 1996 - il-jum stabbilit għall-ewwel smigħ ta' l-appell - il-Qorti ssolleċitat lill-Avukati tal-kontendenti biex sad-differiment li jkun imiss b'nota konġuntiva fir-Reġistru jindikaw il-valur li bih "għandha tiġi

ntaxxata l-kawtela ta' dan l-appell". Fin-nuqqas ta' ftehim il-Qorti rriservat li tagħti l-provvediment opportun. Din in-nota ma saritx u l-appellanti eċċepew illi "l-appell mar deżert billi skond l-artikolu 249 tal-Kap. 12 kellu jkun ikkawtelat almenu ġurnata qabel l-ewwel smigħ ta' l-appell u dak li l-appellanti qed jesiġu mingħand l-appellati (li jaqblu fuq il-valur involut fil-kawża) seta' faċilment isir fil-perijodu bejn id-data tas-sentenza appellata u d-data ta' l-ewwel smigħ ta' l-appell". Hi din l-eċċezzjoni li l-Qorti għandha f'dan l-istadju tiddeċidi;

Ma hemmx dubbju li l-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995 huma applikabbli anke għall-kawżi li kienu diġà pendenti qabel ġew fis-seħħ. Dana mhux biss għaliex emendi tal-liġi ta' proċedura huma ta' ordni pubbliku u allura ġeneralment ta' applikazzjoni immedjata u universali, imma ukoll għaliex l-Att innifsu jipprovdi għall-klawsola transitorja ta' hekk timponi "id-disposizzjonijiet tal-liġi prinċipali kif emendati b'dan l-Att ... għandhom jgħoddu għall-proċeduri kollha li jkunu pendenti quddiem xi Qorti jew tribunal li għalihom jgħodd dak il-Kodiċi ... u li f'dik id-data jkunu għadhom pendenti u ma għaddewx in ġudikat" (artikolu 362). Dan ifisser li dan l-appell kellu jkun ritwali fir-rigward tal-garanzija għall-ispejjeż tiegħu, mhux biss skond il-liġi kif kienet qabel emendata - kif indubbjament kien - imma ukoll kellu jkun konformi mal-liġi kif issa hi emendata;

Il-liġi kif emendata - u fil-verità lanqas qabel - imkien ma kienet timponi fuq l-appellant xi obbligu kif donnu qed jippretendu l-appellati li, f'każ li l-kawtela ma tkunx ġiet stabbilita minħabba li jkun jonqos id-determinazzjoni tal-valur tal-meritu, jasal għall-ftehim mal-kontroparti dwar x'kellu jkun tali valur. La l-liġi ma tipprovdix għal tali eventwalità u ma timponi l-ebda obbligu ta' din ix-xorta, mhux konsentit għall-Qorti li toħolqu jew b'xi mod targumenta l-eżistenza tiegħu. *Multo magis* meta hawn si tratta ta' riskju ta' telf ta' udjenza quddiem din il-Qorti u addirittura ċaħda tad-dritt ta' appell.

Dawn huma disposizzjonijiet ta' interpretazzjoni stretta u fid-dubbju, l-Qorti għandha ttendi biex tiffavorixxi d-dritt ta' appell u mhux li tiċħdu. Naturalment dejjem salv l-obbligu li l-appellant jissodisfa l-kawtela għall-ispejjeż ta' l-appell li l-liġi timponi;

"*Trattondosi di leggi di procedura che hanno per oggetto l-ordine pubblico mediante un convenzionalizmo di forma, non si deve ragonevolmente ammettere altra interpretazione che la letterale, nel senso che ove la legge per produrre certi effetti prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens*" (PA 31.1.1901 - **Spiteri vs Azzopardi** Coll. XVIII, P. I, p. 19);

Sewwa jiġi ppreċiżat li hemm distinzjoni bejn dik li l-posizzjoni fil-każ fejn jeħtieġ li l-mertu tal-kawża jiġi ntaxxat finalment għall-fini biex *jiġi determinat id-dritt tar-Reġistru* u d-drittijiet ta' l-Avukati u tal-Prokuratur Legali u dik li hi l-posizzjoni fil-każ fejn hu meħtieġ li jiġi biss determinat l-ammont ta' kawtela għall-appell. Fejn fl-ewwel każ il-valur tal-meritu jkun baqa' - anke wara s-sentenza - inċert jew indeterminat, hu meħtieġ li l-partijiet jaqblu dwar dak il-valur biex il-kawża tiġi finalment taxxata mir-Reġistratur u wara li dawn ikunu issinifikaw il-kunsens tagħhom permezz ta' nota konġuntiva. Jekk jibqa' ma jintlaħaqx ftehim dwar dan il-valur, il-materja tista' tiġi biss riżolta fi proċeduri ġudizzjarji *ad hoc*. Għall-kuntrarju però fil-każ fejn il-meritu jkun baqa' inċert jew indeterminat wara s-sentenza ta' l-ewwel istanza, id-determinazzjoni tal-kawtela ma tiddependix mill-ftehim jew nuqqas ta' ftehim tal-kontendenti dwar dan il-valur;

Infatti d-determinazzjoni ta' l-ammont li kellu jiġi ddepożitat f'garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell hu mħolli għal kollox f'idejn u fid-diskrezzjoni tar-Reġistratur. Din hi nfatti

waħda mill-funzjonijiet u mid-doveri prinċipali ta' l-uffiċċju tiegħu. Is-subinċiż 2 ta' l-artikolu 249 jipprovdi illi "il-garanzija **għandha tkun fis-somma stabbilita mir-Reġistratur**". Il-liġi ma timponi l-ebda kriterji li fuqhom għandu jaġixxi r-Reġistratur fl-eżerċiżżju ta' din il-funzjoni diskrezzjonali tiegħu anke jekk hu naturali li tali ammont għandu jkun determinat fl-isfond tat-talbiet fil-meritu u l-eċċezzjonijiet mogħtija. Ir-Reġistratur allura mhux marbut la mat-taxxar tal-kawża fl-ewwel istanza u lanqas mad-determinazzjoni tal-valur fejn dan hu indeterminat jew li għamel dan bi qbil bejn il-kontendenti jew ġudizzjarjament mod ieħor. Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni r-Reġistratur għandu jiġi ggwidat b'dawk l-elementi fl-atti li jistgħu jwassluh biex jistabilixxi ammont ta' kawtela adegwata fiċ-ċirkostanzi, anke billi jikkonsulta l-partijiet jew billi jitlobhom nota konġuntiva dwar iil-valur tal-meritu. F'dan però jibqa' hu dejjem l-aħħar arbitru sakemm jiddeċidi b'ġudizzju u b'mod raġonevoli;

"*Sebbene i termini della legge citati sono discrezionali, la discrezione però non può tradursi in arbitrio; anzi di contrario nel fare uso della discrezione accordata è mestiere che rizulti essere gusta e fatta con discernimento e giudiziosamente, secondo la esigenza del caso e lo spirito della legge. Difatti la discrezione, secondo i dottori, non è che "discernere per legge quid sit justum*"";

"*Nulla osta che ciò che abbia ommesso di fare il Registratore senza una ragionevole causa sia supplito e fatto per ordine della Corte, correggendo la erronea discrezione di cui abbia fatto uso*" (**Caruana *vs* Scicluna**, Coll. VII, p. 523 - kif riportata fil-Cremona Giurisprudenza Sul Codice di Procedura Civile - Vl. I, pp.139 *et seq);*

Fil-każ in eżami però, ma hemmx kwistjoni dwar kif

eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu r-Reġistratur, billi kienet x'kienet ir-raġuni, hu ma kienx iddetermina sa l-ewwel jum tas-smigħ x'kellha tkun il-kawtela li kellha tiġi ddepożitata mill-appellant. Japplika allura l-artikolu 209 tal-Kap. 12 kif emendat li jipprovdi:

Fil-Qorti ta' l-Appell jekk meta tissejjaħ il-kawża jinstab li ma tkunx saret il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża - il-Qorti għandha minnufih tgħaddi biex tiddikjara l-appell deżert;

**Iżda**, l-Qorti tista' tagħti lill-appellant żmien qasir li fih huwa jkun jista' jġib il-garanzija għall-ispejjeż ... **jekk ir-Reġistratur ma jkunx (a) stabbilixxa s-somma li għandha titħallas bħala garanzija** ...";

Dan hu proprju l-każ taħt eżami. Il-liġi ma tirrikjedi l-ebda raġuni għaliex ir-Reġistratur ma jkunx laħaq iddetermina l-ammont tal-kawtela. Hu biżżejjed allura li tali ċirkostanza tiġi bħala fatt stabbilita biex il-Qorti tagħti lill-appellanti opportunità oħra biex jagħmel id-depożitu, naturalment wara li r-Reġistratur ikun iddetermina l-ammont tal-kawtela;

L-eċċezzjoni ta' l-appellati dwar id-deżerżjoni ta' l-appell minħabba nuqqas ta' kawtela mhix għalhekk sostenibbli;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad din l-eċċezzjoni kontra l-appellati. Tordna lir-Reġistratur biex minnufih jiddetermina l-ammont ta' kawtela li għandha tiġi ddepożitata fit-termini ta' l-artikolu 249 tal-Kap. 12 kif ukoll fit-termini ta' l-artikolu 209 (1), tagħti żmien ta' wieħed u għoxrin (21) ġurnata mid-data tan-notifika lill-partijiet appellanti ta' l-avviż relattiv biex iġibu din il-garanzija għall-ispejjeż ta' dan l-appell. Tiddiferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni.